MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1417/2010

**Socjeta’ 360 Food Import Limited**
**C 46590**

**vs**

**Joseph Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta’ tlett mija u tnienja u sittin Ewro (€368), jew somma serjuri, rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjuhgha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez , inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tal-25 ta’ Frar, 2010 u tal-ittra legali tal-14 ta’ Mejju, 2010, u bl-imghax tat-8 % fuq tlett mija u tnienja u sittin Ewro (€368) mill-25 ta’ Frar, 2010, sal-hlas effettiv u inkluz tlieta u ghoxrin Ewro u tletin Ewro centezmu (€23.30) – konsult, kontra l-konvenut li minn issa gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u tnienja u sittin Ewro (€368), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------